**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D.**

**Appell Nru: 59 / 2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Jesmond Seguna**

Illum 11 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat li Jesmond Seguna ta' 53 sena, bin Charles u Rita xebba Galea imwieled Pieta nhar l-14 ta' ottubru 1966 resienti 6 Triq il-Kuncizzjoni Dingli detentur detenur detenur tal-karta tal-identita Maltija 439766 M, gie akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar id-19 ta April, 2020 jew fil-granet ta qabel gewwa Tal-Virtu limiti tar-Rabat:

Minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jesercita jedd li jippretendi li ghandu gieghel bl-aetorita tieghu lil xi had ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Carmel Azzopardi, Michael Azzopardi, Edward Degaetano, Joseph Ebejer, Anthony Ebejer,

Aloysius Debono, Mark Anthony Ciangura, Francis Borg fil-pusess ta' hwejjighom b'xi mod iehor kontra l-ligi jew indahal fi hwejjeg ta' haddiehor. Illi l-proċeduri in kwistjoni ġew deċiżi kontra l-esponenti nhar it-3 ta' Frar 2023 fejn l- esponenti ġie misjub ħati.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-3 ta' Frar, 2023, fejn il-Qorti wara li din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 31 u 85 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tqis li piena karcerarja mhix idoneja f'dan il-kaz u konsegwentament

(1) kkundannat lill-hati ai termini tal-proviso tal-Artiklu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt Ewro (€500), u

(2) Ai termini tal-Artiklu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, Ordnat lill-imputat sabiex fi zmien erbgha u ghoxrin minn meta din is-entenza tigi res judicata, jaghti kopja tac-cavetta tl-katnazz lill-partiejit civili jollha u jkollha u jhalli l-imsemmi passagg miftuh u liberu ghall-imsemmija partijiet civili u ma jostakolax l-access liberu li huma dejjem kellhom ghall-imsemmija ghelieqi u dan taht penali ta hames euro ( €5) kuljum fin-nuqqas, u

(3) In oltre ai termini tal-Artikolu 377 ( 5) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta tordna lill-hati jipprestina l-imsemmija kanna ossia hadida ossija pajp ossia xatba li taghti l-access ghall-imsemmi passagg u dan sabiex ipoggi lill-partijiet civili fl-itat ta' fatt li kienu qabel huwa ikkommetta l-imsemmi att ta ragion fattasi u

(4) Finalment ai termini tal-Artikolu 533 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hati jhallas l-ispejjez peritali li jammontaw ghal tmien mija u sebgha euro u wiehed u tletin centsmu ( €807.31) fi zmien xahar minn meta din is-sentenza ssir res judicata .

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-obbligi tieghu taht din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Jesmond Seguna, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-22 ta' Frar, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tilqa' dan l-appell billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentament tilliberah mill-imputazzjoni u minn kull ħtija skond il-liġi, u subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-aggravji dwar il-mertu, f'każ li dina l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-ħtija, illi tvarja u timmodifika s-sentenza appellata kwantu piena billi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta skond il-każ, u tirrevoka l-ordnijiet li ingħataw ai termini tal-artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat l-aggravji tal-appellant Jesmond Seguna li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti umilment jissottometti illi l-imputazzjoni kif dedotta kontra l-esponenti ma ġietx suffiċjentament pruvata skond il-parametri temporali indikati fiċ- ċitazzjoni u kwindi l-esponenti kellu jiġi liberat. Fit-tieni lok, in konnessjoni mal-ewwel aggravju, l-esponenti umilment jissottometti illi strettament mingħajr preġudizzju għas- sottomissjonijiet dwar il-mertu, lanqas ma ġie pruvat l-element materjali tat-tfixkil fil- pussess fid-data indikata fiċ-ċitazzjoni stante li kif ser jiġi muri iktar il-quddiem, xhur wara, ossia f'Lulju 2020, I-parte civile daħal u aċċeda għall-għalqa tiegħu u ħarat l-istess billi semplicement għolla l-istess ħadida li magħha kien hemm il-kantnazz. Dan sar għaliex minn naħa l-oħra l-ħadida ma kienet marbuta ma mkien. Fit-tielet lok, jiġi umilment sottomess illi strettament mingħajr preġudizzju għall-aggravji supra u irrispettivament mill-kwistjoni tad-data, l-elementi materjali u formali tar-reat ta' ragion fattasi ma ġewx pruvati stante li ma ġiex pruvat li l-parte civile jew xi ħadd minnhom kellhom pussess, u effettivament ma jirriżultax li dak li għamel l-esponenti sar bl-eżerċizzju ta' xi dritt li kien qed jippretendi illi għandu. Fir-raba' lok, strettament mingħajr preġudizzju dwar il-mertu l-esponenti umilment jissottometti illi l-piena li ngħatat kellha tkun waħda iktar miti fiċ- ċirkostanzi u in oltre, l-ordnijiet ai termini tal-artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali huma, bir- rispett, żbaljati u ingusti.

**1) żball fid-data fiċ-ċitazzjoni - imputazzjoni mhux suffiċjentament pruvata**

Illi l-prosekuzzjoni akkużat lill-esponenti bir-reat ta' ragion fattasi bid-dicitura fl-istess ċitazzjoni tindika data preċiża u l-ġranet preċedenti i.e. "id-19 ta' April 2020 jew fil-ġranet ta' qabel". F'dan il-każ kwindi l-prosekuzzjoni għażlet li tintrabat esklussivament ma' data partikolari, u l-ġranet li jippreċedu tali data.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti daħlet f'din il-kwistjoni tad-data iżda kkonkludiet li:

> "*mill-assjem tal-provi hi konvinta li l-incident sehh jew fid-19 ta' April 2019 jew f' xi ftit jiem qabel din id-data u ma thossx li l-argument tad-difiza huwa tajjeb fuq din l-eccezzjoni taghha li dak li hemm ppruvat fl-atti ma jinkwadax ruhu fl-avvizo di comparire.*"

Illi fl-ewwel lok, jiġi sottolineat bir-rispett illi minn tali bran u bl-indikazzjoni tas-sena "2019" minflok "2020" se mai dan juri kif il-Qorti jidher li kienet konvinta li l-inċident seħħ sena qabel id-data tal-akkuża. Kwindi anke minn dan il-lat ma setgħetx tinstab ħtija fl- akkużi kif dedotti jekk il-Qorti kienet konvinta li l-inċident seħħ sena qabel id-data indikata fl-akkuża.

In oltre, u mingħajr preġudizzju għall-premess, apparti l-kwistojni tal-iżball fis-sena fis- sentenza tal-Ewwel Qorti, b'kull dovut rispett l-esponenti umilment jissottometti illi tenut kont il-mod kif ġiet redatta ċ-ċitazzjoni, kif ukoll fid-dawl tal-provi jew nuqqas ta' provi li tressqu in atti, ma jistax jingħad li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova mingħajr dubju dettat mir-raġuni li fid-19 ta' April 2020 jew fil-ġranet ta' qabel seħħ l-allegat ragion fattasi.

Illi l-esponenti huwa edott mill-ġurisprudenza fejn xorta waħda instabet ħtija f'ċertu ċirkostanzi minħabba li ġie argumentat li ċ-ċitazzjoni hija biss *avviso di comparire.* Madanakollu, fil-każ in kwistjoni l-prosekuzzjoni rreferiet esklussivament għal data u perjodu partikolari u kwindi intrabtet li tipprova l-każ entro dak il-perjodu, u fit-tieni lok, l-allegat nuqqas jittratta d-data fiċ-

ċitazzjoni element li l-Qrati tagħna regolarment iddikjaraw li huwa element importanti f'ċitazzjoni.

Illi skond il-ġurisprudenza f'każ li ċitazzjoni tkun issemmi data partikolari u xi żmien qabel, tali lokuzzjoni għandha tingħata t-tifsira skond il-kalendarju.

Illi fil-kawża **il-Pulizija vs Jefrin Grech**, deciza mill-Qorti tal-Appell per Imh. Dr. A *Bugeja ġie ritenut li:*

> *"51. Apparti minn hekk anke l-lokuzzjoni wiesa li tinkludi jiem u xhur, għalkemm hija lokuzzjoni li hija aċċettata minn dawn il-Qrati xorta waħda trid tiġi użata b'ċerta attenzjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-lokuzzjoni għandha tingħata t-tifsira ordinarja skont il-kalendarju. B'hekk il-kalendarju għandu kliem li jirriflettu kunċetti termporali speċifiċi. Erba' u għoxrin siegħa jagħmlu jum. Tmienja u għoxrin jum jew disa' u għoxin jum jistgħu jagħmlu x-xahar ta' Frar skont f'liema sena dak ix-xahar jaħbat; daqs kemm tletin jew wieħed u tletin jum isawru l-kumplament tax-xhur skont il-kalendarju. Millbanda l-oħra sebat ijiem jagħmlu ġimgħa daqskemm erba' jew ħames ġimgħat, skont kif jaħbtu, jagħmlu wkoll xahar. Iżda bla dubju tnax il-xahar jagħmel sena.*
>
> *52. Mistqarr dan kollu b'hekk meta din il-Qorti tiġi konfrontata b'lokuzzjoni akkużatorja li tgħid "f'Lulju 2006, jew jiem jew xhur wara" Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha tinterpreta din il-lokuzzjoni temporali bħala li tirreferi għax-xahar ta' Lulju kollu, inkluż il- jiem u xhur ta' wara. Din il-frazi filwaqt li tinkludi "xhur", ma ssemmix "snin". Minn din il- lokuzzjoni tat-tieni imputazzjoni Qorti tista' tinferixxi li l-intenzjoni tal-Prosekutur kienet li jixli lill-imputat bir-reat de quo kif allegatament minnu kommess bejn ix-xahar ta' Lulju 2006 u x-xhur ta' wara li pero ma jinkludix ukoll snin ta' wara, in kwantu li kieku dik kienet l-intenzjoni tal-Prosekutur huwa kien ikun aktar ċar u speċifiku li jindika l-kelma "snin". Verament li għadd kbir ta' xhur jista' wkoll*

*jikkostitwixxi snin. Iżda l-Liġi kriminali ma tistax tiġi interpretata b'dan il-mod daqshekk laxk u wiesa. Ir-riferenza għal xhur għandha tkun ristretta għal ammont ta' xhur f'kalendarju li ma jagħmlux flimkien aktar minn sena. Għalhekk il-kelma "xhur" għandha tinftiehem li tinkludi sa massimu ta' total ta' tnax il-xahar inkluż ix-xahar li għalih tkun qed issir ir-riferenza fl-att akkużatorju."*

Sitwazzjoni simili kienet ukoll ġiet trattata fil-kawża fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Pauline Fenech</u>**, deċiża mill-Qorti tal-Magistrati nhar il-11 ta' Jannar 2022 fejn il-Qorti iddikjarat li:

*"Kif inghad, l-imputata giet mixlija illi kkommettiet ir-reati lkoll addebitati lilha fiċ- Ċitazzjoni "Mejju 2012 u fix-xhur ta' qabel". Isegwi għalhekk illi kif impostata, I- imputazzjonijiet jirreferu neċessarjament għal fatti li graw f'Mejju 2012 jew f'xhur antecedenti dik id-data. Filwaqt li bl-użu tal-plural fil-kelma "xhur" l-ispazju temporali tal- fatti li għalihom jirreferu l-imputazzjonijiet jista' jitqies li gie estiż ghal diversi xhur qabel Mejju 2012, il-Qorti pero' tqis illi l-parametri tal-kelma "xhur", b'mod generali, għandhom ifissru dawk il-ftit xhur qabel id-data speċifikata u ma jistgħu qatt jiġġebbdu biex jinkludu fihom fatti li jkunu seħħew sitta, seba' jew tmien xhur jew iktar, qabel. Wisq anqas ma jistgħu jidħlu fl-iskop tal-kliem "fix-xhur ta' qabel", dawk ix-xhur tas-sena ta' qabel id-data espressament msemmija fl-imputazzjoni, f'dan il-kaz Mejju 2012 għaliex iż-żmien indikat fl-akkuża jirreferi għal "xhur ta' qabel" Mejju 2012 u mhux "is-snin ta' qabel" Mejju 2012.*

*Konsegwentement, il-Qorti tqis illi ghall-fini tar-reati addebitati lill-imputata fiċ- Ċitazzjoni, tista' tinsab ħtija biss jekk ikun jirriżulta li dawn ir-reati ġew kommessi mill-1 ta' Jannar 2012 'il quddiem iżda mhux qabel din id-data."*

Illi kwindi bl-istess ragunament adoperat mill-Qrati tagħna, fil-każ in kwistjoni, l-użu tal- kliem "*19 ta' April 2020 jew fil-ġranet ta' qabel*" jinkludi id-19 ta' April 2020 u s-sebat ijiem ta' qabel biss, u dan skond l-applikazzjoni ta' tifsira ordinarja skond il-kalendarju. Dan qed jingħad għaliex altrimenti jekk il-prosekuzzjoni riedet tindika perjodu temporali itwal kellha tuża l-kliem "*il-ġimgħat ta' qabel*" jew "*xhur ta' qabel*" skond il-każ.

Illi kwindi ukoll allura kien jispetta lill-prosekuzzjoni li tressaq provi sal-livell ta' mingħajr dubju dettat mir-raġuni li l-allegat ragion fattasi seħħ fid-19 ta' April 2020 u/jew is-sebat ijiem ta' qabel u mhux f'xi data kwalsiasi oħra f'April jew xahar ieħor.

Illi tali insenjament huwa ormai assodat f'ġurisprudenza kopjuża fejn ingħad diversi drabi li d-data fiċ-ċitazzjoni hija fattur importanti u li jekk ma jigix suffiċjentament pruvat allura dan għandu jwassal għall-liberazzjoni.

Illi in sostenn ta' dan il-punt l-esponenti jagħmel referenza għas-segwenti sentenzi sabiex juri kif il-Qrati dejjem iddikjaraw lill-imputat mhux ħati meta kien hemm żball fid-data tal- akkuża, jew fil-ħin li fih gie kommess ir-reat. Infatti kien hemm kawżi fejn l-imputat ġie liberat minħabba żball fil-ħin (għalkemm id-data kienet korretta), multo magis allura id- data hija fattur importantissimu f'ċitazzjoni.

Illi sentenzi klassiċi li ta' sikwit jiġu ċċitati u li kienu jitrattaw żball fid-data, fil-ħin jew fil- lok ta' fejn seħħ l-allegat reat u li minħabba l-imputat kien ġie liberat huma:

- **<u>Il-Pulizija vs John Mary Briffa</u>**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-18 ta' Ottubru 2005

- **<u>Il-Pulizija vs Nicolai Magrin,</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-17 ta' Marzu 2008

- **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u l-**Pulizija vs Rita Thuema,** it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011 mill-Qorti tal-Appell

Illi iktar riċenti, fil-kawża l**-Pulizija vs Raymond Xerri et**., deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Jannar 2017, il-Qorti illiberat lill-appellant wara li ddikjarat li:

> *"......il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l- indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f' dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il- fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta' l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin."*

Fil-każ **Il-Pulizija vs Charles Sciberras**, deċiż mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-30 ta' Novembru 2016[1], il-Qorti, għalkemm sabet lill-imputat ħati ta' xi imputazzjonijiet, però illiberat lill-esponenti mill-akkuża ta' ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest għaliex irriteniet li:

> *"Jekk xejn il-Prosekuzzjoni resqet provi fis-sens li l-imputat wettaq reat fl-ewwel ta' Lulju 2014 għall-ħabta tal-10.05hrs ta' filgħodu ġewwa l-Imsida iżda l- Prosekuzzjoni u ma ppruvatx li huwa kiser il-kundizzjonijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest għall-ħabta ta' 10.05hrs ta' filgħaxija skont kif ġie msemmi fiċ-ċitazzjoni! A differenza ta' dak li intgal aktar il-fuq, id-dettall tal-ħin jista' jitqies li huwa wieħed mill-kriterji li huwa meħtieġ mill-Artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali (partikolaritajiet ta'*

[1] Per Mag. Dr A. Bugeja.

*żmien) u f'każ bħal dan jassumi rwol importanti biex ikun jista' jitqies jekk ir-reat ikunx integrat o meno."*

Fil-kawża **il-Pulizija vs Ramon Mifsud Grech**, deċiża mill-Qorti tal-Magistrati nhar it-23 ta' April 2012 li rreferiet ukoll għal ġurisprudenza oħra tal-Qorti tal-Appell, ukoll deheret l- importanza li jkun hemm dettalji korretti dwar il-ħin u d-data tal-akkuża, fid-dawl tal- artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali. F'dan il-każ il-ħin fiċ-ċitazzjoni kien indikat bħala għall- ħabta ta' xil-ħdax ta' filgħaxija, iżda mill-provi kien jirriżulta li l-inċident seħħ għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' filgħodu, u konsegwentament minħabba din id-diskrepanza l-Qorti kienet għaddiet biex tillibera lill-imputati.[2] Il-Qorti filwaqt li kwotat ġurisprudenza oħra, qalet testwalment is-segwenti:

*"Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:*

*Ic-citazzjoni għandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bilpartikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. Ghandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mharrka tonqos li tidher, hija tigi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."*

Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil- kawza fl-ismijiet **Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:

*"L-imputazzjoni għalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill- appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara*

[2] Minn din is-sentenza ma kienx gie ntavolat appell mill-Avukat Generali.

*xi incident fil-hin indikat f'l- imputazzjoni u għalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' " tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il- prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il- korrezzjoni opportuna tempestivament"*

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta' l-Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet P**ulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.

Illi b'applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami huwa car li l-imputati odjerni ma jistghux jinstabu hatja ta' l-imputazzjonijiet lilhom addebietati ghaliex dawn jirreferu ghal fatti li suppost sehhew fid-29 ta' Ottubru 2009 fil-hdax ta' fil- ghaxija meta il-provi li ngiebu quddiem din il-Qorti jirreferu ghal-fatti li sehhew fid-29 ta' Ottubru 2009 fit-tlieta u nofs ta' fil-ghodu.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputati hatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti u tilliberahom minnhom."

Illi tant id-data hija element importantissimu li jrid jigi pruvat, li anke fejn kien hemm ammissjoni l-Qorti tal-Appell waslet biex tillibera lill-appellant minħabba żball fid-data fuq iċ-ċitazzjoni. Illi infatti fil-kawża **il-Pulizija vs André Falzon**, deċiża mill-Qorti tal-Appell per Imħ. Dr. Edwina Grima, nhar id-19 ta' Novembru 2015, nonostante li l-imputat kien ammetta l-imputazzjonijiet kontra tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, in vista tal-fatt li kien irriżulta li kien hemm żball fiċ-ċitazzjoni rigward id-data ta' meta gie kommess ir-reat il- Qorti illiberat lill-appellant.

Illi sentenza oħra li trattat dan il-punt dwar id-dettalji fiċ-ċitazzjoni u l-importanza li jiġu pruvati hija **il-Pulizija vs Kurt Falzon**, deċiża mill-Qorti tal-

Appell fit-30 ta' Settembru 2021 mill-Imħallef Dr. A Bugeja, li ukoll trattat każ ta' ragion fattasi, fejn hemmhekk il-Qorti wara li għamlet rassenja tal-ġurisprudenza relevanti anke tul is-snin li għaddew u daħlet fil-kwistjoni tal-insenjamenti dwar iċ-ċitazzjoni bħala avviso di comparire, xorta waħda illiberat lill-appellanti minħabba żball fid-data:

> *"36. Is-sitwazzjoni fil-każ odjern hija tali li l-Prosekuzzjoni xliet lill-appellat li wettaq reat f' data u ħin partikolari u l-provi prodotti wrew li huwa wettaq ir-reat f' data differenti minn dik li ġiet imputata lilu. Irriżulta wkoll li ma saret ebda korrezzjoni tal- partikolaritajiet taż-żmien u ħin imputati fl-istadju debitu. Din għalhekk mhix kwistjoni ta' kunflitt bejn żewġt xhieda dwar id-data ta' meta twettaq ir-reat f' kuntest fejn iż-żewġt dati jkunu ġew koperti bil-parametri ta' żmien u ħin indikati fl-avviż. Dan ikun jista' jitqies bħala kunflitt fil-verżjonijiet mogħtija fil-kors tas-smiegħ tax-xiehda u li jista' jkollu ċerti konsegwenzi fuq il-ġudizzju.*
>
> *37. Il-każ odjern huwa tali li jindika, anke minn ċerti tweġibiet tal-parte civile stess, li l- partikolarita taż-żmien indikata fl-avviż setgħet kienet żbaljata, jew almenu incerta. Din ma ġietx b'xi mod korretta fl-istadju proċedurali debitu; u biex il-Qorti tkun cara, din mhux dejjem tkun tort tal-Prosekuzzjoni. B'hekk ikun jirriżulta li l-prova dwar meta jkun ġie mwettaq ir-reat de quo ma tkunx koperta in kwantu tkun taqa' barra mill-parametri taż-żmien li fih il-Prosekuzzjoni tkun qegħda tixli lill-imputat.*
>
> *38. F'dan il-każ jirriżulta li hemm element ta' konfużjoni dwar meta effettivament inbidlet is-serratura tal-bieb ta' barra tar-residenza tal-konjuġi Falzon - konfużjoni li fil-kamp penali ma tistax timmilita favur sejbien ta' ħtija - in kwantu sabiex tinstab ħtija din tkun trid tistrieħ fuq provi sikuri u mhux provi inċerti jew konfuzi.*

*45. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti tais li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha quddiemha sitwazzjoni fejn it-tibdil seta' sehh fl-24 ta' Ottubru daqskemm fil-25 to Ottubru skont l-appellat jew inkella fis-26 ta' Ottubru daqskemm fis-27 ta' Ottubru skont il-parte civile. Din il-Qorti tistqarr li mhux l-ewwel darba li Qorti jkollha sitwazzjoni fejn mill- provi ma tkunx tirriżulta d-data preciza ta' meta jkun seħħ l-ispoll anki għaliex f'każijiet ta' din in-natura, is-suġġett attiv tar-reat ikun normalment aġixxa bil-mohbi u għalhekk ikun sussegwentement sar ir-rapport mal-Pulizija da parte tas-suġġett passiv tar-reat meta dan tal-aħħar effettivament ikun induna li jkun ġie hekk turbat fil-pussess tiegħu. Iżda, f'dan il-każ partikolari, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet marbuta bid-dicitura taċ-ċitazzjoni liema ċitazzjoni ndikat data preċiża u mhux żmien approssimattiv ta' meta effettivament seħħet ir-ragion fattasi. Dan ifisser illi l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawżi John Mary Briffa, Rita Theuma u Warren Piscopo rispettivament, isib applikazzjoni f'dan il-każ*

*46. Għalhekk, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma setgħetx issib htija fl- appellat għal tibdil fis-serratura li seħħ nhar is-27 ta' Ottubru 2017 in kwantu jirriżulta mingħajr dubju dettat mir-raġuni li dakinhar tas-27 ta' Ottubru 2017 il-parte ċivile ndunat bit-tibdil imma mhux li fis-27 ta' Ottubru 2017 kien seħħ it-tibdil fis-serraturi.*

*47. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni għażlet li tintrabat esklussivament mad-data tas-27 t'Ottubru 2017; u fl-avviż ma saret ebda riferenza għal żmien qabel din id-data. Dan qiegħed jingħad b'mod partikolari għaliex din il-Qorti tais li r-reat ikkontemplat mid- dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali huwa reat ta' natura istantanja allavolja l-effetti tiegħu jaf ikunu ta' natura duratura jew permanenti.*

*52. Dan ikun ifisser għalhekk li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet korretta fid-deċiżjoni tagħha li tikkunsidra li l-azzjoni kif proposta mill-Prosekuzzjoni kontra Kurt FALZON ma setgħetx tirnexxi. Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet korretta wkoll fir-raġunament tagħha li għalkemm jirriżultaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-elementi li jsawru r-reat ta' ragion fattasi, il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova sodisfacentement li dan twettaq fil-parametri temporali hekk ippreżentati fiċ-ċitazzjoni kontra l-imputat qua appellat. In oltre, ma jirriżultax li ntalbet xi korrezzjoni tal-imputazzjoni saż-żminijiet opportuni. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) setgħet kemm legalment kif ukoll ragonevolment tasal għall-konklużjoni tagħha li tillibera lill-imputat qua appellat."*[3]

Sentenzi oħra li ġew decizi similarment bl-applikazzjoni tal-insenjamenti supra kienu:

- The **<u>Police vs Mohammed Hussein Abdi,</u>** decided by the Court of Appeal on the 18th of December 2017

- Il-**<u>Pulizja vs John Paul Azzopardi,</u>** deċiża nhar it-30 ta' Novembru, 2017 mill-Qorti tal-Appell
- **<u>Il-Pulizija vs John Tanti</u>**, deċiża nhar il-31 ta' Lulju 2019 mill-Qorti tal-Appell

Magħmula dawn is-sottomissjonijiet dwar il-kwistjoni tad-data u l-ħin fiċ-ċitazzjoni, l- esponenti jagħmel referenza għall-kawża **il-Pulizija vs Rita Zammit**, deċiża mill-Qorti tal- Appell nhar l-14 ta' April 2005 liema kawża tiġi spiss ċitata mill-Qrati meta jitrattaw żball f'dettalji bħala data u ħin fiċ-ċitazzjoni. Fil-kaz odjern, l-Avukat Ġenerali kien intavola appell wara li l-imputata ġiet liberata minħabba żball fid-data tal-akkuża, fejn l-Avukat Ġenerali kien ilmenta li l-Ewwel Qorti kienet skorretta li ma laqgħetx it-talba

[3] Sottolinear tal-esponenti

tal- prosekuzzjoni għall-korrezzjoni tad-data. Il-Qorti tal-Appell hawnhekk kienet ċahdet I- appell tal-Avukat Ġenerali u kienet iddikjarat is-segwenti:

> *"Ghal kull buon fini pero' jigi osservat bhala linea ta' gwida li l-Ewwel Qorti ghamlet sew li ma lagghetx it-talba ghall-korrezzjoni tac-citazzjoni f' cirkostanza tant materjali w sostanzjali bhal ma hija d-data tal-kommissjoni tal-allegat reat, wara li mhux biss kienu gew konkjuzi l-provi tal-prosekuzzjoni, imma sahansitra kienet xehdet l-appellata u ghalqet il-provi taghha w saret it- trattazzjoni mid-difiza w sahansitra l-kawza kienet gja differita ghas-sentenza. Meta l-appellata ddecidiet li toffri x-xhieda taghha, hija kellha sitwazzjoni kristallizata quddiemha u cioe' serje ta' provi li kollha jindikaw li l-allegat reat kien gara xaharejn qabel id-data indikata, sia pure erronjament millprosekuzzjoni, fl- akkuza. Ghalhekk meta ppreparat iddifiza taghha kellha kull dritt tistenna li ma jiccaqalqux illasti w l-parametri tal-akkuza minn dawk li kienu sa millbidu nett tal- kawza. Altrimenti, kieku jigu ammessi korrezzjonijiet ta' natura hekk sostanzjali, wara li jkun xehed l-akkuzat u d-difiza tkun ghalqet il-kaz taghha, dan ikun abbuz lampanti mill-process penali a skapitu talpersuna akkuzata w tali agir, apparti li fil-fehma ta' din il-Qorti ikun jikkostitwixxi minaccja serja ghad-dritt ta' smiegh xieraq, ikun qed ikun ingust mad-difiza w mall-akkuzat b' mod li johloq pregudizzju w dannu rrimedjabbli."*[4]

Illi magħmula tali rassenja ta' ġurisprudenza u applikati l-istess insenjamenti għal fatti speċi tal-appell in kwistjoni l-esponenti umilment jissottometti illi fil-każ odjern, una volta li l-prosekuzzjoni akkużat lill-esponenti li allegatament ikkommetta reat f'data u perjodu partikolari, fid-dawl tal-provi li ġew imressqa fil-proċeduri, huwa ma jistax jinstab ħati tal- akkuża kif dedotta kontra tiegħu.

[4] Vide ukoll sentenza ohra simili **Il-Pulizija vs Christopher Ryan et.**, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l-10 t' April, 2014.

Illi dan qed jingħad għaliex filwaqt li, kif diġa ġie aċċennat iktar il-fuq, il-prosekuzzjoni għoġobha takkuża lill-esponenti bid-data partikolari tad-19 ta' April 2020 jew il-ġranet ta' qabel, il-provi tal-prosekuzzjoni jew ma jindikawx id-data eżatta jew inkella jindikaw data oħra differenti u li ma taqax u ma hijiex koperta fiż-żmien li bih l-prosekuzzjoni xliet lill- esponenti.

Illi, mingħajr preġudizzju għall-fatt jekk jirriżultawx pruvati l-elementi materjali u formali tar-reat jew le, mill-provi kollha li tressqu f'dawn il-proċeduri, l-unika referenza għad-data tad-19 ta' April 2020 tirriżulta esklussivament mill-affidavit tas-surgent PS 1222 li jgħid li fid-19 ta' April 2020 kienu marru Michael Azzopardi u Francis Borg jirrapportaw li kien twaqqfilhom l-access xi ġranet qabel meta allegatament l-esponenti biddel il-katnazz u ma tahomx kopja taċ-ċavetta".[5]

Illi b'kull dovut rispett din ma hijiex l-aħjar prova sabiex tiġi pruvata l-akkuża kif dedotta, u dan b'mod speċjali minħabba li ovvjament is-surgent fl-affidavit tiegħu jista' biss jgħid x'qallu ħaddieħor u tali affidavit żgur ma jikkostitwixxix prova diretta tal-ħtija tal- esponenti.

Illi apparti minn hekk, meta jixhed viva voce u bil-ġurament Francis Borg, matul id- deposizzjoni tiegħu fl-ebda ħin u fl-ebda mument ma jsemmi d-data tad-19 ta' April 2020 jew il-ġranet ta' qabel bħala d-data ta' meta allegatament ġie kommess l-att ta' ragion fattasi. Huwa lanqas ma jsemmi l-fatt li kien mar jirrapporta u ma jixhed xejn dwar ir- rapport li suppost sar minnu flimkien ma' Michael Azzopardi - multo magis id-data ta' meta allegatament mar jirrapporta.

In oltre, u iktar importanti minn hekk, meta l-avukat difensur tiegħu stess jissuġġerilu d- data tad-19 ta' April 2020 u jistaqsih:

[5] Folio 3 tal-process.

*"Issa jekkk jogħġbok f'April ta' din is-sena, dsatax ta' April ta' din is-sena...sa din is-sena biex kontu tgħaddu kif kontu tagħmlu?"*

Ix-xhud jirrispondi li ma kien għad hemm l-ebda tfixkil sa dakinhar u jgħid testwalment:

*"Konna għandna nidħlu. Imbagħad ċempluli u qaluli...."*[6]

Illi kwindi dan ix-xhud tal-prosekuzzjoni xehed bil-ġurament li f'April kien għadu jidħol fl- għalqa u tenut kont ir-risposta tiegħu għad-domanda suġġestiva tal-avukat tiegħu, I- istess tweġiba tinkludi wkoll il-ġurnata tad-19 ta' April 2020.

Di più, filwaqt li is-surgent fl-affidavit tiegħu jgħid li r-rapport kien sar minħabba tidbil ta' cavetta li waqfilhom l-aċċess, Borg jgħid li huwa ma jistax jidħol minħabba li allegatament kien hemm ħadida u ġiet iwweldjata mhux minħabba il-bdil fiċ-ċavetta tal-kantnazz[7].

Dan l-aħħar dettal kif ser jiġi muri iktar il-quddiem huwa dettal kruċjali li jkompli jxejjen serjament il-każ tal-prosekuzzjoni, għaliex kif ser jiġi muri iktar il-quddiem f'dan l-umili appell, tali wweldjar li spiċċa biex effettivament ċaħħad l-aċċess lill-parte civile minn dan il-passaġġ, sar f'Lulju 2020 u mhux f'April 2020!!

Illi Michael Azzopardi jixhed li "*minn Awwissu 2019 sa April 2020 kont naċċedi bla xkiel*"[8]

[6] Folio 7 tal-process.
[7] Folio 8 tal-process.
[8] Folio 30 tal-process.

Dan ix-xhud ma jispeċifikax data partikolari f'April 2020 iżda jsemmi biss April 2020 in generali, b'dan allura li huwa qed jgħid li f'April 2020 kollu huwa ma kellu l-ebda xkiel biex jaċċedi għall-għalqa tiegħu.

L-istess xhud ikompli mbagħad jixhed kif skond hu f'April 2020 l-imputat biddel il-kantnazz u ma setax jidħol iżjed.[9]

Illi l-Ewwel Qorti ħasset li din il-ġeneralità ma ddgħajjifx il-każ tal-prosekuzzjoni u ddikjarat

> "*Hu ukoll vera li meta xehed quddiem il-Perit Schembri Michael Azzopardi isemmi biss ix- xahar ta' April 2020 u ma kienx preciz fid-data tieghu pero' dan ma jdghajjifx l-argument per se tal-prosekuzzjoni kiflanqas ma jdgħajjef l-argument li huh Charles fix-xhieda tieghu jghid li d-data kienet fl-ghoxrin ta' April. Dan ghall-fatt semplici ghax milli jidher Charles Azzopardi ma kienx la ma' huh u lanqas ma' Francis Borg meta mar jaghmel ir-rapport lill- pulizija. Fil-fatt hemm divergenza bejn dak li jgħidu l-ahwa Azzopardi fis-sens li wiehed jgħid li kien wahdu meta ra lill-imputat ibiddel il-katnazz filwaqt li Charles Azzopardi jghid li kien ma' huh.*"

Illi b'kull dovut rispett però hija din ix-xiehda flimkien ma' dik ta' ħuh u ta' Francis Borg li dgħajjef il-każ.

Tali dikjarazzjonijiet ta' Michael Azzopardi fejn filli jsemmi li sa April 2020 kellu l-aċċess u filli jgħid li minn April ma kellux aċċess, filwaqt li huma konfliggenti għall-aħħar u joħolqu kunflitt serju fil-provi tal-prosekuzzjoni, iktar importanti minn hekk, tenut kont li skond kif ġiet redatta ċ-ċitazzjoni parti minn April 2020 huwa kopert u parti oħra minn April 2020 ma huwiex kopert, tali testimonjanza f'sitwazzjoni fejn il-parametri temporali fiċ-ċitazzjoni huma restritti

[9] Folio 30 tal-process.

esklussivament għad-19 ta' April 2020 u l-ġranet ta' qabel ma tista' qatt titqies bħala li tipprova l-akkuża kif dedotta għal dak li għandu x'jaqsam id-data.

Illi apparti l-premess, ta' importanza huwa wkoll il-fatt li filwaqt li Azzopardi jgħid li f'April 2020 huwa ma setax jidħol iżjed pero fl-istess ħin jgħid li f'Lulju 2019 huwa daħal bil- mutur tal-ħart "billi għollejt il-ħadida minn naħa opposta fejn m'hemmx kantnazz. Sussegwentament ġiet iwweldajata u issa lanqas hekk ma nista' naċċedi[10]." Din id- dikjarazzjoni, kif ser jiġi muri fit-tieni aggravju tkompli xxejjen il-każ tal-prosekuzzjoni in kwantu allura jirriżulta li se mai, u strettament mingħajr preġudizzju dwar il-mertu, se mai l-aċċess allegatament ġie effettivament imċaħħad f'Lulju 2020 u mhux f'xi ġurnata f'April 2020.

Illi dan in-nuqqas ikompli jamplifika ruħu fid-dawl tal-fatt li Charles Azzopardi fit- testimonjanza tiegħu jindika l-ġurnata tal-20 ta' April 2020 bħala l-ġurnata meta skond hu kien ma ħuh fl-għalqa u tbiddel il-kantnazz[11].

Tali testimonjanza però, filwaqt li tkompli tikkonferma kunflitt fil-provi u dubji serji, fid- dawl tal-ġurisprudenza supra kwotata qatt ma tista' twassal għall-ħtija fil-konfront tal- esponenti stante li l-20 ta' April 2020 huwa barra mil-perjodu indikat fiċ-ċitazzjoni.

Il-kumplament tax-xhieda l-oħra ħadd ma jsemmi d-data tad-19 ta' April 2020 jew il- ġranet ta' qabel anzi: Anthony Ebejer jgħid li huwa sab il-gate magħluqa bejn Marzu u April 2019 u jsemmi ukoll l-bidu tas-sajf tal-2019[12]; Joseph Ebejer meta xehed f'Novembru 2020 jgħid li x-xatba "ilha kważi sentejn magħluqa"[13]; Louis Debono ma jsemmi l-ebda data u jgħid li mix-xatba mertu tal-kawża huwa qatt ma daħal u qatt ma kellu bżonn jaċċedi u qatt ma talab aċċess lill-imputat[14]; Mark Anthony Ciangura isemmi biss is-sena 2020 mingħajr ebda preċizzjoni ulterjuri; u Edward Degaetano ma jsemmi xejn dwar l- imputazzjoni

[10] Folio 31 tal-process.
[11] Folio 33 tal-process.
[12] Folio 34 tal-process.
[13] Folio 35 tal-process.
[14] Folio 35 tal-process.

u wisq anqas ma jsemmi l-ebda data dwar ix-xatba, anzi jzid jgħid li huwa l-kwistjoni tax-xatba ma tgħammillux differenza għaliex l-aċċess tiegħu kien twaqqaf meta xi ħadd kien tefa' xi torba fuq it-trejqa li tagħti aċċess u li dan kien sar iktar minn 5 snin qabel[15]

Illi fl-aħħar net, huwa minnu li l-imputat fix-xiehda tiegħu jgħid li kien biddel il-kantnazz u kien biddlu diversi drabi, iżda fl-ebda ħin ma jgħid li huwa kien biddel il-kantnazz fid-19 ta' April 2020 jew il-ġranet ta' qabel. Kwindi lanqas ma jista' jiġi argumentat li d-data fiċ-ċitazzjoni ġiet pruvata mit-testimonjanza tal-imputat stess.

Illi mill-premess, jirriżulta kwindi mhux biss li hemm konfużjoni sħiħa dwar meta allegatament inbidel il-kantnazz, liema konfuzzjoni fil-kamp penali għandha neċessarjament timmilita favur il-liberazzjoni tal-esponenti stante li sabiex ikun hemm sejbien ta' ħtija din tkun trid tistrieħ fuq provi sikuri u mhux provi inċerti jew konfuzi, iżda wkoll illi uħud mill-provi tal-prosekuzzjoni jippuntaw għal data partikolari li hija barra mill- parametri taż-żmien li fih il-proskeuzzjoni xliet lill-imputat - u kwindi anke minn dann il- lat il-prosekuzzjoni ma rnexxielix tipprova l-każ tagħha sal-livell rikjest mill-liġi.

**<u>2) L-element materjali tar-ragion fattasi ma seħħx fid-data indikata fiċ-ċitazzjoni</u>**

Illi apparti l-kwistjoni dwar meta allegatament inbidel il-kantnazz f'xi żmien f'April, qabel jew wara d-19 ta' April 2020 jew f'xi data oħra, mit-testimonjanza tal-kwerelanti Francis Borg u Michael Azzopardi jirriżulta li se mai, u strettament mingħajr preġudizzju dwar il- mertu t-tfixkil għall-aċċess effettivament seħħ f'Lulju 2020 meta ġiet iwweldjata l-ħadida mertu tal-każ.

[15] Folio 38 u 39 tal-process.

Francis Borg (li del resto ma jsemmi l-ebda data kwalsiasi fit-testimonjanza tiegħu) infatti jixhed li huwa kien jidħol billi *"ngħollu l-ħadida u nidħlu"*[16] *iżda mbagħad "għamel il- ħadida u wweldjaha"*.[17]

Illi minn tali xiehda jirriżulta li allura li l-aċċess twaqqaf minħabba li kien hemm ħadida li kienet ġiet iwweldjata b'tali mod li dak li jkun ma setax jgħolli l-ħadida u jgħaddi.

Illi in konnessjoni ma' dan l-aggravju Michael Azzopardi ukoll jixhed dwar din il-ħadida li ġiet iwweldjata u jgħid testwalment:

> *"Minn April 2020 sal-lum ma nistax naċċedi. Ngħid li f'Lulju 2020 dħalt bil-muturi tal-ħart billi għollejt il-ħadida minn naħa opposta fejn mhemmx kantnazz. Sussegwentament ġiet iwweldjata u lanqas hekk ma nista' naċċedi"*[18].

Illi dan kollu fl-umili fehma tal-esponenti juri li l-element materjali tat-tfixkil fil-pussess se mai ma seħħx bit-tibdil fil-kantnazz għaliex sa dakinhar l-aċċess kien għadu liberu in kwantu kif del resto ammetta Michael Azzopardi stess huwa seta liberalment jgħolli l- ħadida minn naħa opposta u jidħol. Kien biss meta sussegwentament ġiet iwweldjata l- kanna wara Lulju 2020 li allura l-kanna kienet iffissata b'tali mod li timpedixxi l-aċċess lil terzi tramite dik il-kanna.

Illi dan kollu huwa wkoll konfermat minn xhud ieħor tal-prosekuzzjoni, Francis Borg, li jagħmilha ċara li huwa ma setax jibqa' jidħol fl-għalqa meta l- ħadida ġiet iwweldjata.

Illi fl-aħħar lok, l-esponenti jagħmel referenza għax-xhieda ta' Maria Seguna li wkoll tikkonferma li sa Lulju 2020 kien għad hemm aċċess liberu billi jgħollu l- ħadida minn naħa ta' fejn ma kienx hemm welding, u li:

---

[16] Folio 7 tal-process.
[17] Folio 8 tal-process.
[18] Folio 31 tal-process.

> *"Malli indunajt li x-xatba setgħet togħla b'dak il-mod jiena qabbadt lill-imputat biex jiwweldja l-kanna u hu hekk għamel. Ngħid li l-kantnazz kien dejjem hemm."*
>
> *"....maż-żmien skoprejt li qed jgħollu l-ħadida minn naħa ta' fejn ma kienx hemm welding u jien ikarigajt lil żewġ l-imputat jagħmel il-welding. Minn mindu ħadt ir- raba' f'idi jien sa meta indunajt li qed issir din il-biċċa tax-xogħol u ċioe li jtellgħu l-ħadida minn fejn ma kienx hemm welding għaddiet ċirka sena. **Ngħid li skoprejt li qed jidħlu b'dan il-mod f'Lulju 2020**."*[19]

Illi din it-testimonjanza ta' Maria Seguna tikkorrobora dak li qalu sia Michael Azzopardi u Francis Borg, in kwantu sa qabel ma ġiet iwweldjata l-ħadida l-aċċess kien għadu ma ġiex imfixkel.

Illi huwa ben ripasut li wieħed mill-elementi materjali għar-reat ta' ragion fattasi huwa t- turbativa fil-pussess, ossia li ikun hemm tfixkil ta' xi ħaġa li kienet fil-pussess ta' xi ħaddieħor. Illi madanakollu fil-każ odjern, anke jekk għall-grazzja tal-argument u għall- grazzja tal-argument biss wieħed kellu jikkonċedi li l-parte civile allegatament kellhom xi tip ta' dritt li jagħaddu mix-xatba u mill-passaġġ wara dik ix-xatba, jirriżulta mill-provi tal- prosekuzzjoni stess, inkluż b'mod speċjali l-kwerelant Michael Azzopardi li tali dritt sa Lulju 2020 kien għadu ma ġiex effettivament ostakolat jew imfixkel.

Dan għaliex:

- Azzopardi stess jammetti li f'Lulju 2020 huwa daħal bil-muturi tal-ħart u ħarat l- għalqa. Illi kwindi huwa kellu aċċess u daħal fl-għalqa tiegħu mill-passaġġ u x-xatba in kwistjoni semplicement billi għolla l-istess xatba/hadida minn naħa l-oħra fejn ma kienx hemm il-kantnazz;

[19] Folio 59 u 60 tal-process.

- Francis Borg meta jixhed jiddikjara li kien biss minn meta giet iwweldjata l-kanna/hadida li huwa ma setax jibqa' jaċċedi għall-għalqa tiegħu; u
- Maria Seguna stess tiddikjara ukoll illi kienet skopriet li n-nies kienu qed jgħaddu billi jgħollu l-hadida minn fejn ma kienx hemm welding (kwindi kien hemm aċċess liberu), li hija skopriet li kien qed isir id-dħul b'dan il-mod f'Lulju 2020 u li kien wara tali skoperta li hija kienet qabbdet lil żewġha jiwweldja dik in-naħa l-oħra ukoll propju biex jiġi impedut l-aċċess għal terzi.

Illi mill-premess jirriżulta b'mod mill-aktar ċar li se mai, jekk kien hemm xi tfixkil ta' xi dritt jew pussess ta' xi passagg tali tfixkil ma sar fl-ebda ġurnata f'April 2020 iżda se mai sar wara Lulju 2020-fatt konfermat minn Azzopardi stess li ammetta bil-gurament li f'Lulju 2020 huwa daħal jaħrat mingħajr ma għamel l-ebda sforz jew att speċjali kwalsiasi ħlief li għolla l-hadida minn naħa opposta.

Illi konsegwentament, għal dawn is-sottomissjonijiet mressqa f'dan l-aggravju għandu wkoll jirriżulta li l-prosekuzzjoni ma rnexxielex tipprova ċ-ċitazzjoni kif dedotta kontra l- imputat, għaliex irrispettivament minn meta tbiddel il-kantnazz, tali bdil fil-kantnazz ma ċħħad bl-ebda mod l-aċċess, u se mai kien il-welding lii sar wara Lulju 2020 li seta' ċaħħad u/jew fixkel l-aċċess.

Għaldaqstant, mingħajr preġudizzju għall-ewwel aggravju, l-esponenti kellu in ogni caso jiġi liberat minħabba li ma ġiex pruvat wieħed mill-elementi materjali għar-reat ta' ragion fattasi, liema element ried sine qua non jissussisti fid-19 ta' April 2020 u/jew il-granet ta' qabel.

**<u>3) L-element materjali tat-tfixkil fil-pussess ma jirriżultax u ma jirriżultax li dak li għamel l-esponenti sar bl-eżerċizzju ta' xi dritt li kien qed jippretendi illi għandu</u>**

Illi mhux ikkontestat li l-passaġġ u l-ħadida mertu tal-kawża huma fuq propjetà li originarjament kienet imqabbla lill-kunjatu tal-esponenti u eventwalment tali qbiela daret fuq mart l-imputat.

Il-kwistjoni però ddur fuq l-allegazzjoni li Azzopardi jallegaw li huma kellhom xi dritt ta' passaġġ li jgħaddu minn din ix-xatba u l-passaġġ li jagħti għall-għalqa tagħhom.

Li huwa imporanti ai fini ta' din il-vertenza hija t-testimonjanza ta' Joseph Schembri, li b'kull dovut rispett l-Ewwel Onorabbli Qorti jidher li injoratha u ma tathiex il-piż misthoqq li kellha tingħata. Joseph Schembri infatti jixhed li l-passaġġ in kwistjon kien għamlu hu u kien dam jgħamlu fuq medda ta' sentejn. Konferma ta' dan huma l-aerial photos li ġew preżentati minn Maria Seguna li jikkonfermaw li fl-antik ma kien hemm l-ebda passaġġ fl- antik u li kwindi necessarjament dan sar wara kif allegat minn Schembri.

Iktar importanti minn hekk, huwa l-fatt li Schembri qal li terzi oħra kienu jgħaddu minn fuq il-passaġġ għaliex kien jawtorizzahom mhux għax xi ħadd kellu xi dritt ta' passaġġ -li del resto kien beda hu! Schembri spjega wkoll kif meta għamel il-kanna u l-kantnazz, jekk kien ikun hemm xi ħadd li jrid jgħaddi minn hemm, meta jistaqsuh huwa kien jagħtihom iċ-ċwievet temporanjament sakemm imorru jiftħu u jerġgħu jagħlqu u jerġgħu jagħtuh iċ- cavetta lura. Huwa jżid ukoll li huwa kien jagħtihom iċ-ċavetta bona grazzja tiegħu u qatt ma awtorizza lil ħadd li jagħmel kopja taċ-ċavetta.

Illi din ix-xiehda fl-umili fehma tal-esponenti turi kif ma huwiex minnu li l-allegati parte civile kellhom xi pussess fuq dan il-passaġġ, jew xi dritt ta' passaġġ, iżda huma dejjem kienu suġġetti għal kunsens ta' Joseph Schembri li

dejjem żamm il-pussess esklussiv tal- kantnazz u l-passaġġ, sakemm imbagħad għadda kollox fuq it-tfal u din il-parti messet lill- mart l-imputat.

Illi Maria Seguna, it-tifla ta' Schembri ukoll xehedet li:

> "*ċ-ċavetta kienet għandna pero kienu jitolbuhielna ta' Azzopardi u aħna ntuhielhom. Ngħid li ċ-ċavetta kienu jagħtuhielna lura pero kienu jagħmlu oħra aktarx kopja li kienu jitfgħuha taħt il-ġebla kif xedhu uħud mix-xhieda tal-lum*".[20]

Għal darb'oħra kwindi jirriżulta li pussess tal-passaġġ dejjem inżamm esklussivament għand Joseph Schembri, u eventwalment għand mart l-imputat, u qatt ma kien hemm l- ebda intenzjoni jew aċċettazzjoni li l-pussess jgħaddi fuq ħaddieħor jew li ħaddieħor jingħata xi dritt ta' passaġġ.

Illi dan il-fatt jirriżulta wkoll milll-fatt li l-maggior parti tax-xhieda tal-prosekuzzjoni ħadd ma jallega li huwa kellu xi dritt ta' passaġġ, u apparti Azzopardi u Borg ħadd ma ressaq ebda rapport minħabba dak li ġara.

Hekk insibu li Anthony Ebejer jgħid li filwaqt li qabel kien jaċċedi liberament mill-passaġġ u l-kanna mertu tal-każ bejn Marzu u April tas-sena 2019 huwa kien sab il-gate magħluqa, iżda mbagħad kien kellem lil Charles Azzopardi li kien qallu li kien hemm cavetta taħt il- ġebla u baqa' jaċċedi billi juża tali cavetta taħt il-ġebla. Dan baqa' jsir sal-bidu tas-sajf tal- 2019 meta ċ-ċavetta ma sabiex iktar hemm.

Li hu interessanti għal vertenza ta' dan il-każ huwa li filwaqt li allura mill-bidu tas-sajf tas- sena 2019 (ossia sena qabel l-imputazzjoni) Anthony Ebejer spiċċa ma jistax jgħaddi iktar minn dan il-gate u passaġġ, huwa fl-ebda ħin ma jgħid li mar għand Schembri jew it-tifla tiegħu Maria Seguna biex ituh cavetta, u wisq anqas mar jagħmel xi rapport minħabba li spiċċalu l-aċċess. Dan kollu fl-umili

---

[20] Folio 39 tal-process.

fehma tal-esponenti ikompli jikkorrobora dak li qal Joseph Schembri fis-sens li huwa:

- qatt ma ħalla minn idejh il-pussess esklussiv;
- li qatt ma ta l-ebda dritt ta' passaġġ lil ħadd; u
- li min kien jgħaddi minn hemm kien jgħaddi biss għax itih permess hu.

Illi infatti tant huwa hekk, tant Anthony Ebejer kien edott minn dan il-fatt u qatt ma pretenda li kellu xi dritt ta' passaġġ, li għalkemm kienu ilu sena qabel Azzopardi mingħajr aċċess huwa ma għamel l-ebda rapport kontra ħadd biex jieħu lura l-aċċess.

**Anzi bil-ġurament juri li huwa lanqas biss kellu interess fl-ebda rapport u jgħid testwalment li**:

"*ma kontx naf li nbdew il-proċeduri odjerni*[21] *u lil Michael kont għedtlu biex ma jdaħħalnix fl-inkwiet għaliex għandi problemi ta' saħħa*"[22]

Dan kollu japplika wkoll b'mod identiku fil-konfront ta' Joseph Ebejer li filwaqt li jgħid li x- xatba kienet ilha sentejn magħluqa huwa ma għamel l-ebda rapport kwalsiasi.

Louis Debono ukoll jgħid li l-persuna li mingħandu kienet wirtet ir-raba kienet qaltlu li meta jkollu bżonn jgħaddi huwa kellu jmur ikellem lill-kunjatu tal-imputat (Joseph Schembri) u dan kellu jagħtih iċ-ċavetta jew aċċess, eżattament kif xehed Joseph Schembri stess.

Edward Degaetano ukoll jgħid li filwaqt li preżentament huwa ma għandu l-ebda interess fil-kwistjoni tax-xatba[23], madanakollu dwar kif kien l-aċċess mix-xatba, huwa jgħid li meta kien jgħaddi mix-xatba kien ikun hemm l-kunjatu tal-

---

[21] Kwindi igiddeb dak li hemm iminzzel fl-affidavit ta' PS 1333 fejn gie allegat li Azzopardi u Borg kienu qed jirraportaw ghan-nom ta' numru ta' persuni inkluz Anthony Ebejer.

[22] Folio 34 tal-process.

[23] Ghaliex jispjega li xi hames snin qabel xi had kien tefa' t-torba fuq it-trejqa li taghti access u allura ma setax jaccedi ghar-raba' minhabba din it-torba u mhux minhabba l-kwistjoni tax-xatba – folio 38 u 39 tal-process.

imputat u jdoqqlu l-ħorn u jiftaħlu. Din id-dikjarazzjoni hija prova oħra cara li Joseph Schembri kien żamm il-pussess esklussiv tal-passaġġ li del resto kien għamel huwa stess fil-propjetà li kienet għandu bi qbiela.

Illi b'lealtà lejn il-Qorti, huwa minnu li Francis Borg u Azzopardi fit-testimonjanza kuntrarjament għax-xiehda su riferiti jallegaw li huma kellhom dritt ta' passaġġ għaliex skond huma l-passaġġ l-ieħor kien wieħed dejjaq.

Illi madanakollu, b'kull dovut rispett però Francis Borg filwaqt li huwa jgħid li kien ilu jgħaddi minn dan il-passaġġ snin dan per se ma jfissirx li allura huwa kellu xi dritt ta' passaġġ. Illi huwa minnu li meta jiġi mistoqsi mill-Qorti jekk kienux jgħaddu minn hemm għaliex is-sid kellu pjaċir iħallihom jgħaddu jew inkella jekk hux għax kellu obbligu li jħallihom jgħaddu, huwa jirrispondi li kienu jgħaddu minn hemm bi dritt. Madanakollu, filwaqt li l-Qorti staqsiet dan l-allegat dritt x'inhu u minn fejn allegatament ġie, u waqt ix- xhieda ġie allegat li ser tinġieb tali prova, tali prova ma nġabitx fl-atti proċeswali.

Kwindi għal darb'oħra l-verzjoni ta' Joseph Schembri tibqa' ma tiġix kontradetta.

Għall-kompletezza, huwa minnu wkoll li Azzopardi jgħidu li huma, fis-sena ta' qabel ir- rapport, kienu ingħataw cavetta, però filwaqt li mhemmx qbil fuq din id-dikjarazzjoni għax kontradetti minn Joseph Schembri u Maria Seguna (kif ukoll mill-bqija tax-xhieda tal- prosekuzzjoni li urew li jgħaddux mill-passaġġ jew le kien dejjem suġġett għall-permess u l-awtorizzazzjoni ta' Schembri) in ogni caso dan ma jfissirx li huma akkwistaw xi dritt. Anzi, anke jekk għall-grazzja tal-argument wieħed kellu jikkunsidra tali verżjoni, is- sempliċi fatt li huma kellhom jingħataw cavetta ta' dan il-kantnazz tkompli turi kif huma kienu għadhom jiddependu mill-bona volontà ta' min effettivament kellu l-kontroll tax- xatba u l-passaġġ.

Illi fl-aħħar lok, b'kull rispett ma jiswa xejn li wieħed jittenta jargumenta li huwa kellu dritt ta' passaġġ minħabba li l-passaġġ l-ieħor kien idjaq u skond huma

allegatament setgħu jidħlu biss bir-riġel u ma setgħhux jidħlu b'mutur tal-ħart. Ix-xhieda l-oħra kollha affermaw li huma kellhom dritt ta' passaġġ minn dan il-passaġġ idjaq. Fl-aħħar mill-aħħar il-passaġġ mertu tal-każ li kien għamel Joseph Schembri ma kienx hemm minn dejjem. Di più tant huwa minnu li tali passaġġ idjaq kien il-passaġġ legittimu li kellu jintuża għall-aċċess li saħansitra kien hemm bieb. Huwa irrilevanti li tali bieb illum huwa imbarrat għal xi raġuni hi x'inhi.[24]

Illi magħmula din ir-rassenja tal-provi l-esponenti jagħmel referenza għal dak li jgħid il- **Manzini**[25] fejn intqal li jekk dak li jkun għandu l-pussess esklussiv tal-oġġett huwa ma jistax jinstab ħati ta' dan ir-reat:

> *"Il delitto di esercizio arbitrario delle proprie ragoini è bensì possibile, come abbamao veduto anche in relazione alla cosa propria, ma soltanto quanda essa sia attualmente da altri posseduta.*
>
> *Quindi, non comemtte il delitto in esame chi agisce nella cerchia e sulle cose del fondo da lui posseduto, ancorchè il suo fatto riesca dannoso ad altri, salvo quanto abbiamo detto circa il possesso di servitù o d'altri oneri reali sul fondo altrui. Nulla, sotto l'aspetto pena, può rimproverarsi al possessore che, nella sfera del suo possesso esclusivo, pone ostacoli alla continuazione o alla ripetizione di fatti altrui che ritiene abusivi. L'altro interessato non rimane per ciò solo privo di tutela giuridica.*
>
> *Il delitto, parimenti, non sussiste in ogni altro caso in cui l'agente commetta violenza su cosa della quale si trovi attualmente nell'esclusivo possesso".*

---

[24] Folio 32 tal-process.
[25] Vincenzo Manzini, Trattato di Dritto Penale Italiano, Volume Quinto, pagna 986.

Illi fil-każ in kwistjoni ħadd ma ġab xi prova kwalsiasi ta' servitu, u meta ssemma fit- testimonjanza ta' Borg li kellhom jinġabu d-dokumenti, dawn fl-ebda ħin tul il-proċeduri ma ġew preżentati. Illi mill-banda però, bix-xhieda ta' Joseph Schembri u ta' uħud mix- xhieda l-oħra tal-prosekuzzjoni ħareġ ċar li l-pussess esklussiv dejjem inżamm għand Schembri li kien jagħti ċ-ċavetta lil min kien jitolbu jekk hekk jaċċetta u bil-kundizzjoni li ċ-ċavetta tirritorna lura għandu. Illi huwa xehed ukoll li wara kien skopra li kien sar abbuż minn din is-sitwazzjoni stante li kienet saret xi kopja taċ-ċavetta minn min kien issellifha u tħalliet taħt il-ġebla. Iżda dan ma sarx bil-kunsens tiegħu, u Schembri u t-tifla tiegħu, li eventwalment ingħatat din il-qbiela mingħand missierha, riedu jittutelaw ruħhom minn tali abbuż - agir li skond kif kwotat supra ma jammontax għar-reat ta' ragion fattasi.

Illi apparti dan in-nuqqas tal-element materjali rigward il-pussess, l-esponenti umilment jikkontendi wkoll illi lanqas l-element formali ma ġie pruvat, stante li imkien ma jirriżulta li l-esponenti aġixxa fl-eżerċizzju ta' xi dritt li kien qed jippretendi li għandu.

Illi in sostenn ta' dan l-aggravju l-esponenti jibda billi jagħmel umili referenza għall-fatt li meta ġie mitkellem mill-pulizija, skond l-affidavit ta' PS 1222 l-esponenti ma riedx ikellem avukat għax ma kien għamel xejn ħażin.

In oltre, il-Perit Valerio Schembri stess jiddikjara fir-rapport tiegħu li ma nġiebul-ebda provi quddiemu li l-esponenti kien b'xi mod infurmat jew kien jaf, li jekk gġandu dritt iċaħħad l-aċċess lill-kwerelanti u terzi oħrajn dan gandu jieħdu b'mezzi legali[26]. Di più, waqt it-testimonjanza tiegħu l-Perit Schembri jippuntwalizza li:

[26] Folio 22 tal-process

> "*Milli analizzajt mill-provi ma rriżultaliex illi kien l-imputat kien jaf li ried jagħmel din il-mossa għax dehrlu li għandu dritt ma jgħaddux dawn, ried jagħmel dawn b'mezzi legali*"[27]

Kwindi l-istess perit li tqabbad mill-Qorti ukoll jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li ma jirriżultax li l-imputat aġixxa kif aġixxa għaliex ried jieħu l-liġi b'idejh. Illi l-imputat meta xehed qal li "*jiena ddecidejt li ma ntihomx cavetta għaliex hemmhekk mhu suppost li jagħddi ħadd u dan kien qaluli l-kunjatu li ser jixhed f'dawn il-proċeduri....ma tajtomx kopja taċ-ċavetta l-ġdida u għamilt dan għaliex jiena ma għandix għalfejn intielhom*".

Tali dikjarazzjoni fl-umili fehma tal-esponenti ma turix li huwa ħa l-liġi b'idejh iżda li huwa ttutela l-pussess esklussiv li kellu l-kunjatu tiegħu u warajh martu.

Illi dwar l-elementi formali tar-reat ta' ragion fattasi, l-Ewwel Onorabbli Qorti semplicement iddikjarat li "*Huwa irrelevanti jekk dik l-intenzjoni li kellu l-imputat tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew generika ai fini tar-reat ta' ragion fattasi*" u kwotat sentenza mill-Qorti tal-Appell in sostenn ta' tali dikjarazzjoni mingħajr ma daħlet fil-fatti specie tal-każ inkwistjoni.

L-esponenti però bir-rispett ma jaqbilx ma tali konklużjoni. Ibda biex bir-rispett, fis- sentenza li ġiet kwotata mill-Ewwel Qorti stess dwar l-intenzjoni, il-Qorti tal-Appell kienet illiberat lill-appellanti propju minħabba li kkonkludiet li:

> "*nieqsa l-prova sal-grad rikjest dwar il-kredenza jew il-pretensjoni ta' dritt fl-appellant, allura l-element intenzjonali huwa mankanti mill-fattispecje tal-kaz.*"

Illi l-**Manzini** jispjega fid-dettal l-element formali tar-ragion fattasi u jispjega li:

---

[27] Folio 12A tal-process. (Fit-traskrizzjoni din il-frazi tidher li inqalet mill-Qorti izda mill-bqija tat-traskrizzjoni huwa mifhum li tali frazi intqalet mill-perit u mhux mill-Qorti)

*"Questo elemento, che in tutti i delitti ha essenziale importanza, in relazione al delitto di esercizio arbitrario delle proprire ragioni ha una rilevanza particolarmente decisiva, perchè è esso, e non l'elemento materiale, che caratterizza il fatto. La materialità di questo può essere comune ad altri delitti (es.: danneggiamento, minaccia, violenza privata, ecc.), mentri è il dolo particolare dell'agente che ne determina la classificazione sotto il titolo giuridico di esercizio arbitrario delle proprie ragioni.*

*L'elemento psichico di questo delitto richiede, oltre che il dolo generico (v. Vol I, n. 249), altresì e caratteristicamente il dolo specifico (v. Vol. I, n. 253 1). Deve aversi, cioè, non solo la volontà cosciente e libera e l'intenzione di commettere il fatto violento, ma inoltre il fine particolare e unico di esercitare un preteso diritto (v.n.1780).*

*E perciò l'agente deve sapere che il diritto, ch'egli ritiene di avere, gli è da altri conteso, ovvero che dal suo fatto sorgerà probabilmente una contesa sulla titolarità o sull'esercizio di quel diritto, e deve agire al solo fine di realizzare una pretesa inerenti al diritto medesimo. "*[28]

Illi fid-dawl ta' tali insenjamenti huwa evidenti li sabiex tiġi pruvata l-ħtija għar-reat ta' ragion fattasi irid jiġi pruvat li l-imputat ikun aġixxa bi pretensjoni ta' dritt, u li bix-xjenza li fl-eżerċizzju ta' dan id-dritt ser tqum kontestazzjoni.

Illi fil-każ odjern, però l-imputat iddikjara biss li huwa kien iddeċieda li ma jagħtix cavetta wara li biddel il-kantnazz minħabba li skond ma kien qallu l-kunjatu minn hemmhekk mhu suppost li jgħaddi ħadd u li għalhekk ma kienx tahom kopja taċ-ċavetta għax ma kellux għalfejn itihielhom. L-istess imputat

[28] Vincenzo Manzini, Trattato di Dritto PEnali Italiano, Volume Quinto, pagna 998.

izid ukoll illi huwa ma k,ienx jaf li kellhom ċ-ċavetta u li kienu jaħsbuha taħt il-ġebla.

Dan kollu, fid-dawl ta' dak li xehedu Joseph Schembri, Maria Seguna u x-xhieda l-oħra tal- prosekuzzjoni, fosthom Ebejer, Debono u Degaetano juru biċ-ċar li l-imputat se mai aġixxa a bażi ta' dak li qallu l-kunjatu (li għandu kienet imqabbla r-raba' u li wara għaddiet għand it-tifla) semplicement biex jittutela l-istess propjetà li tagħha ħadd ieħor ma kellu pussess, u mhux biex jeżerċita xi dritt li dwaru kien hemm xi kontestazzjoni.

**<u>4) Aggravju dwar il-piena u l-ordnijiet ai termini tal-artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali</u>**

Illi preliminarjament jingħad illi sabiex jiġi evitat kwalsiasi mal-intiz, dan l-aggravju qiegħed jitressaq il-quddiem biss subordinatament għall-aggravji kollha supra u strettament mingħajr preġudizzju dwar il-mertu.

Illi magħmula tali kjarifika l-esponenti umilment jissottometti illi tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, l-piena erogata kellha tkun waħda iktar miti u ekwa.

Illi in oltre, b'referenza għall-ordnijiet li tat l-Ewwel Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 377 tal-Kodiċi Kriminali l-esponenti umilment jissottometti illi una volta li rriżulta li l- passaġġ in kwistjoni ma huwiex fuq propjetà tal-esponenti, stante li tali propjetà kienet tal-kunjatu tiegħu u eventwalment għaddiet fuq it-tifla tal-kunjatu li tiġi l-mara tal- imputat, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx tagħti dawk l-ordnijiet ai termini tal- artikolu 377 stante li dawn huma fil-konfront ta' propjetà li ma hijiex tal-esponenti.
Illi jidher biċ-ċar li għamel x'għamel l-imputat huwa għamlu fuq struzzjonijiet tal-mara tiegħu u wara deċiżjoni li ttieħdet mill-familja kollha li għandhom il-qbiela. Kwindi, una volta li tali raba', passaġġ u kanna ma humiex tiegħu huwa ma jistax jiġi obbligat li jagħmel dak indikat fid-decide tas-sentenza. Huwa minnu li tali raba' għadda għand il-mara tiegħu bi qbiela mingħand missierha, iżda dan ma jfissirx li dik hija tiegħu u jista' jagħmel biha li jrid. Anzi l-esponenti

jazzarda jżid, bir-rispett u bl-ikbar umiltà li dak li qed jintalab li jagħmel jġib miegħu l-impossibilità di adempjenza.

Illi in oltre, u strettament mingħajr preġudizzju għall-premess, dwar l-ordni tal-Qorti li l- imputat "*fi zmien erbgha u ghoxrin siegha minn meta din is-sentenza tigi res judicata jaghti kopja tac-cavetta tal-katnazz lill-partijiet civili kollha u jhalli l-imsemmi passaġġ miftuh u liberu ghall-imsemmija partijiet civili u ma jostakolax l-access liberu li huma dejjem kellhom ghall-imsemmija ghelieqi u dan taht penali ta' hames Ewro (€5) kuljum fin-nuqqas*" u dan mingħajr ma indikat min huma dawn il-partijiet ċivili, umilment jissottometti illi:

- fl-ewwel lok, fil-proċeduri in kwistjoni ħadd ma kkostitwixxa ruħu parte civile kif trid il-liġi inter alia ai termini tal-artikolu 410 tal-Kodiċi Kriminali;

- fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel punt su riferit, filwaqt li fl-atti proċesswali ma ġie preżentat l-ebda NPS report tal-pulizija jew kwerela, jekk wieħed ikollu joqgħod fuq l-affidavit ta' PS 1222 kienu Michael Azzopardi u Francis Borg biss li marru jirrapportaw.

  Għal kompletezza huwa minnu li hemm allegat fl-istess affidavit li Azzopardi u Borg allegatament marru jirrapportaw għan-nom ta' individwi oħra, madanakollu tali dikjarazzjoni ma hijiex biżżejjed biex dak li jkun jiġi rikonoxxut u ammess bħala parte civile, u di più, x-xhieda l-oħra tal-prosekuzzjoni (Anthony Ebejer, Joseph Ebejer, Louis Debono, Mark Anthony Ciangura u Edward Degaetano) ħadd minnhom ma allega b'xi mod remot li għamel xi rapport jew li kellu xi pretensjoni kontra l-imputat. Anzi Edward Degaetano saħansitra jgħid li għalih ma tagħmilx differenza l-kwistjoni tax-xatba[29] u Anthony Ebejer jgħid li huwa apparti li ma kienx jaf li bdew il-proċeduri odjerni lil Michael kien qallu ma jdaħħlux fl-inkwiet għaliex kellu problemi ta' saħħa.

---

[29] Folio 38 u 39 tal-process.

- fit-tielet lok, jiġi puntwalizżat ukoll li:

  Anthony Ebejer kien ilu mingħajr aċċess mill-bidu tas-sajf tal-2019 (wara li ma sabx iċ-ċavetta taħt il-ġebla iktar) u mhux minn April 2020, u huwa qatt ma kellu l-ebda cavetta ta' kantnazz fil-pussess tiegħu. Infatti huwa kien qal li huwa kien jaċċedi liberament sakemm sab il-gate magħluqha u beda juża ċ- cavetta li Azzopardi qalulu li tkun taħt il-ġebla u li żgur saret mingħajr il- kunsens ta' Joseph Schembri;

  Joseph Ebejer ukoll qatt ma kellu l-ebda cavetta fil-pussess tiegħu u għalkemm skond hu ix-xatba kienet ilha magħluqa sentejn, minn dakinhar l-hawn huwa qatt ma talab aċċess.

  Louis Debono ukoll jgħid li qatt ma talab ćwievet jew aċċess u mingħand min wiret ir-raba' kien qallu li huwa biex jaċċedi minn dak il-passaġġ ried imur jitlob lil kunjatu tal-imputat.

  Mark Anthony Ciangura ukoll juri li ma għandu l-ebda pretensjoni u ma huwa qed jippretendi xejn. Tant huwa hekk li ma għamel l-ebda rapport filwaqt li però jsemmi li kien hemm xi żmien meta kienu jaħbu ċ-ċavetta fuq il-post.

  Edward Degaetano (kif diga' indikat iktar il-fuq) filwaqt li qatt ma qal li xi darba kellu cavetta, iddikjara li ma għandux interess f'din il-kwistjoni.

  U Francis Borg xehed li għalih l-aċċess ingħalaq meta giet iwweldjata l-kanna u mhux meta nbidlet iċ-ċavetta u l-kantnazz.

Illi kwindi fid-dawl ta' dawn l-umili osservazzjonijiet l-esponenti umilment jissottometti illi tali ordni ai termini tal-artikolu 377(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif elenkata fil- punt (2) tad-decide tas-sentenza hija bir-rispett żbaljata u ingusta u mhux in linea mad- dettami tal-liġi.

L-esponenti b'kull dovut rispett ma jistax jifhem kif min qatt ma kellu cavetta u qatt ma ressaq l-ebda rapport jew ilment kwalsiasi (propju għax kien jaf li qatt ma kellu xi dritt għal tali passagg) nonostante li kienu ilu snin mingħajr aċċess, issa jiġi f'sitwazzjoni aħjar minn kif kien u jingħata cavetta meta qatt ma talab hekk u qatt ma kellu interess f'dan is- sens.

Illi fl-aħħar lok, b'referenza għall-ordni (3) fid-decide tas-sentenza l-esponenti umilment jissottometti illi l-artikolu 377(5) kwotat mill-Ewwel Qorti ma jitkellemx dwar repristinament tas-sitwazzjoni iżda dwar il-possibilità ta' tneħħija tal-inkonvenjent mill- pulizija fuq rikors f'dak is-sens. Illi kwindi una volta li l-Ewwel Onorabbli Qorti kwotat artikolu żbaljat li ma jagħtix tali fakultà li ssir tali ordni, l-esponenti umilment jissottometti illi tali ordni hija wkoll żbaljata. Apparti minn hekk, l-istess osservazzjonijiet imressqa supra fir-rigward tal-ordni indikata bin-numru (2) japplikaw ukoll għal din l-ordni.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tas-27 ta' April 2023

Ikkunsidrat,

L-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwardja zball fid-data tac-citazzjoni u ghalhekk l-imputazzjoni mhux sufficjentament imppruvata. Ghaldaqstant, din il-Qorti sejra tifli l-atti sabiex tara x'ser jirrizulta dwar id-data tal-allegat att spolljattiv da parte l-appellant Jesmond Seguna.

**PS 1222 Karl Vella Cassia** jghid illi Michael Azzopardi u Francis Borg irraportaw gewwa l-ghassa tar-Rabat nhar id-**19 t' April, 2020**. Vella Cassia xehed permezz tal-affidvit tieghu fejn qal illi l-access ghall-ghelieqi taghhom **kien twaqqaf xi granet qabel.**[30]

**Francis Borg** xehed quddiem l-ewwel Qorti nhar l-20 t' Ottubru, 2020[31] u gie mistoqsi s-segwenti mill-avukat Joe Giglio:

[30] Fol. 3 tal-process.
[31] Fol. 6 tal-process.

*Issa jekk joghgbok* ***<u>f' April ta' din is-sena, dsatax (19) ta' April ta' din is-sena…Sa din is-sena biex kontu kontu tghaddu kif kontu taghmlu?</u>***

Francis Borg pront wiegeb:

***<u>Konna ghanda nidhlu. Imbghad cempluli u qaluli..</u>***

Din il-Qorti ghalhekk tinnotta illi ghall-mistoqsija suggestiva ix-xhud Francis Borg wiegeb illi sa dik id-data kienu ghadhom jidhlu u cioe' kien ghad kellhom access mix-xatba mertu ta'dawn il-proceduri.

**<u>Il-Perit Valerio Schembri</u>** xehed quddiem l-ewwel Qorti nhar it-2 ta' Frar, 2021[32] fejn qal is-segwenti:

*'Dwar* ***<u>id-data fl-akkuza qedgha 19 ta' April 2020 jew il-granet ta' qabel</u>****, issa l-kwerelant Michael Azzopardi* ***<u>jixhed li kien f'xi zmien f'April</u>.*** *Huh Michael Azzopardi jixhed li kien* ***<u>fl-20 t' April.</u>*** *Dan x'qal Michael Azzopardi quddiemi'*

Iktar tard, fl-istess dispozizzjoni gie ritenut hekk:

*Difiza: Imma nahseb li* ***ser nehlu fuq id-data***

*Qorti:* ***Wiehed qal fl-20, l-iehor qal fid-19***

*Difiza:* ***Le ta hadd ma qal 19***

*Qorti: Inti Semmejtli Sur Perit, fil-bidu semmejt li Michael semma l-20 pero' ghid li Carmel xi jiem qabel f'April. L-akkuza*

[32] Fol. 12 et seq tal-process

*mhux fid-19 t' April u l-granet ta' qabel? Ghandek ix-xahar t' April.*[33]

Din il-Qorti tghid illi l-ewwel Qorti ma kienitx Korretta meta qalet li l-Perit semma li Michael semma l-20 u Carmel semma xi jiem qabel f'April. Fir-rapport tieghu, specifikament fil-parti tal-konkluzjonijiet a fol. 20 tal-process, l-**Perit Valerio Schembri** jghid hekk:

> *"L-akkuza odjerna **ssemmi d-data "tad-19 t' April 2020 jew fil-granet ta qabel"** PS 1222 – Karl Vella Cassia fl-affidavit tieghu jghid li r-rapport sar fid-19 ta' April, 2020 minn Michael Azzopardi li kien stqarr mieghu li xi granet qabel l-imputat Jesmond Seguna kien bidel katnazz tax-xatba mertu tal-kawza u ma taghhomx kopja tac-cavetta. **Fid-depozizzjoni tieghu tal-10 ta' Novembru, 2020, il-kwerelant Michael Azzopardi jghid li l-katnazz inbidel f'April, 2020 pero ma jagghtix gurnata specifika. Minn naha tieghu Charles Azzopardi (hu Michael Azzopardi) jaghti data preciza ta' l-20 ta'April 2020 bhala data meta l-imputat ghalaq ix-xatba fil-forma ta kanna bil-katnazz u jispjega li dak in-nhar kienu hu u huh Michael Azzopardi li raw lill-imputat jibdel il-katnazz in kwistjoni.'***

Illi jigi kkonfermat illi Michael Azzopardi[34] meta ddepona quddiem il-Perit qal biss illi f'April 2020 l-appellant kien biddel il-kantazz minghajr ma sepcifika data. Michael Azzopardi tenna wkoll illi minn Awwissu 2019 sa April 2020 kien jaccedi bla xkiel billi jiftah il-katnazz bic-cavetta li kien tah l-appellant.

[33] Fol. 12A tal-process

[34] Fol. 30 et seq tal-process.

**Charles Azzopardi**[35] specifika illi nhar l-20 t' April l-appellant kien ghalqilhom il-kanna fejn inzamm l-access bil-katnazz u dan rah hu b'ghajnejh meta kien flimkien ma huh Michael Azzopardi.

**Anthony Ebejer**[36] xehed u spjega illi bejn Marzu u April 2019 kien hemm cavetta taht gebla u kien juza lilha sabiex ikollu access mix-xatba ghall-ghalqa tieghu. Qal li darba mar u c-cavetta ma kienitx hemm. Ebejer ma ftakarx bi precizjoni meta dan kien izda kien ghal bidu tas-sajf tal-2019. Hu kien iltaqa' ma Charles u Michael Azzopardi u kienu qalulu li kien inbidel il-katnazz u ma tawhx cavetta. Darba jghid li ltaqa' mal-appellant il-Buskett u ma jiftakarx bl-ezatt kienx f' Mejju ta' 2020 u dan qallu li kopja tac-cavetta ma setax jghaddilu izda meta kien ikollu bzonn kien lest li jtih ic-cavetta b'mod temporanju.

**Mark Anthony Ciangura** jghid illi l-access bi precizjoni ma jafx meta gie msakkar izda zgur fis-sena 2020.

Illi din il-Qorti tinnotta illi jezisti dubbju meta verament sar l-allegat reat u cioe' meta inghalaq l-access ghall-kwerelanti mix-xatba mertu ta' dawn il-proceduri jekk hux qabel jew fil-gurnata tad-19 t' April, 2020 jew inkella hux wara. Illi primarjament, din il-Qorti temmen illi kien zball da parte l-Ewwel Qorti meta din qalet illi '*mill-assjem tal-provi hi konvinta li l-incident sehh jew fid-19 ta' April* ***2019*** *jew f'xi ftit jiem qabel din id-data'*. Dan qieghed jinghad billi precedentament fis-sentenza hija ghamlet referenza ghad-19 t' April 2020 u mhux id-19 t' April, 2019.

Filwaqt li c-citazzjoni tipprovdi id-data tad-'19 t' April, 2020 u l-granet ta' qabel', jezisti dubju serju jekk l-allegat reat sarx wara id-19 t' April, 2020. Kif qal tajjeb l-appellant, l-uniku individwu li xehed bid-data specifika ta' 19 t' April, 2020 kien PS 1222 fl-affidavit tieghu u li sussegwentament gie gguramentat quddiem l-Ispettur Stacy Attard f' Mejju 2020. Din il-Qorti, bl-esperjenza taghha mhux l-ewwel darba li ltaqghet ma zbalji f'dawn it-tip t'affidavits u

[35] Fol. 33 tal-process.
[36] Fol. 34 et seq tal-process.

ghaldaqstant kien ikun ferm ahjar kieku gie pprezentat il-NPS report fl-atti wkoll kif del resto isir fil-maggor kawzi li jinstemghu fis-seduti tad-distrett. Kif dejjem gie enfasizzat minn din il-Qorti, filwaqt li l-prosekuzzjoni mistennija jgibu l-aqwa prova, fil-kamp penali d-dubbju jimmerita favur l-akkuzat.

In oltre, issa jmiss lil din il-Qorti sabiex tikkwota l-**Artikolu 360 tal-Kodici Kriminali** u sussegwentament tifli l-gurisprudenza f’dan ir-rigward, fosthom dawk ikkwotati mill-appellant innifsu.

L-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

> *'Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet* ***ta’ żmien*** *u ta’ lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw.Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b’mandat tal-qorti u mressqaquddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi filmandat.' (Enfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti)*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija [Spettur Gabriel Micallef] vs Andre’ Falzon'**[37] gie kkunsidrat li:

> *'Illi fil-kaz in dizamina ma jistax jinghad illi l-appellanti qieghed jallega illi huwa ma fehemx in-natura ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, jew inkella li ma kenitx l-inetnzjoni tieghu li jammetti, izda jirrizulta mill-atti illi abbazi tal-fatti tal-kaz kif esposti, l-Ewwel Qorti ma setatx issib htija ghal tali akkuzi billi ma kenux jissussistu fid-data indikata fl-akkuza. Issa lkodici penali taghna jimponi l-obbligu fuq il-Qorti Kriminali taht l-artikolu 436(3)(c) li ghandha taghmel dak kollu li m’huwiex projbit jew mhux ordnat mill-ligi taht piena ta’*

[37] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 2015 (Appell Numru: 385/2013)

*nullita, kull meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha jidhirliha li hu hekk mehtieg ghat-tikxif tal-verita.' Illi l-appellanti allura ghandu ragun u din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghal dan in-nuqqas procedurali daqslikieku ma kienx jezisti u dan ghaliex is-sentenza impunjata tirrifletti fatti li mhumiex sostanzjati bil-provi li hemm fl-atti, ghalkemm l-appellanti ammetta ghalihom. Kwindi din il-Qorti ma ghandhiex trqi ohra hlief li tghaddi sabiex tannulla id-decizjoni appellata u dan billi tirrizulta decizjoni hazina fuq il- mertu u dan kif previst fl-artikolu 428(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi affermat dan allura din il-Qorti bis-setgha moghtija lilha fl-artikolu 428(6) ser tghaddi sabiex titratta l-mertu ta' dan il-kaz daqslikieku ma kienx hemm ammissjoni minn naha ta'l-appellanti.*

*Illi s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:*

*"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw......"*

*Illi fis-sentenza mghotija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fil- kawza f'l-ismijiet* ***Pulizija vs John Mary Briffa****, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "ghall-habta tas-7.30 p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "ghall-habta tas-7.30 a.m.", intqal li:*

*"L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'l-imputazzjoni u ghalhekk l-*

*appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Il-prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament"*

*Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti ta'l-Appell Krminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo u Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011.*

***Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu billi dawn jirreferu ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehhew l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna. Illi allura billi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tinduna b'dan l-izball u tirrettifikah fil-hin opportun, u billi l-Avukat Generali huwa issa fi stadju ta' appell prekluz milli jitlob il-korrezzjoni mehtiega biex tigi sanata l- akkuza, ma hemmx dubbju illi l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellanti ma jistghux jissussitu billi fid-data indikata fl-akkuza l-appellanti ma ikkomettiex ir-reati lilu addebitati.'***

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Pierre Micellef Grimaud) vs Christopher Ryan iben Mark, imwieled Pieta', fit-12 ta' Gunju, 1994, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 297494(M) U Joshua Xerri iben Gaetano, imwieled Pieta', fid-19 ta' Otturbu, 1991, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 571991(M)[38]'** gie kkunsidrat:

[38] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' April, 2014 (Appell Kriminali Numru: 477/2012)

*'Illi l-appellati gew imressqa quddiem il-Qorti tal-Magistrati taht arrest fis-seduta tat-3 ta' Dicembru, 2011 akkuzat b'diversi reati li allegatament sehhew fit-12 ta' Dicembru, 2011. Illi l-provi bdew jinstemghu u l-ewwel Qorti fis-7 ta' Dicembru, 2011 rat illi hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputati jitqieghdu taht att ta' akkuza u irrinvjat l-atti lill-Avukat Generali skont il-ligi.*

*Illi minn dak in-nhar sal-4 ta' Ottubru, 2012 kien hemm hames okkazzjonijiet fejn l-atti tal-kawza gew rinvjati lill-Avukat Generali. Minbarra, dan fis-seduta tad-19 ta' Lulju, 2012 il-Prosekuzzjoni ipprezentat mill-gdid l-akkuzi. Fil-fatt, dawn kienu jirrigwardaw akkuzi specifiki lill-appellat Christopher Ryan, wahda li tirrigwarda r-recidiva u ohra dwar ksur ta' sentenza sospiza. Ghandu jinghad li l-akkuza tar-recidiva ma ssibx ruhha fil-korp tas-sentenza. Dawn l-akkuzi godda wkoll jirreferu ghad-data tat-12 ta' Dicembru, 2011.*

*Illi l-Avukat Generali appellant iddikjara li l-Prosekuzzjoni talbet il-korrezzjoni tad-data. Din id-dikjarazzjoni ma tirrizulta minn ebda verbal u kieku l-prosekuzzjoni talbet tali korrezzjoni u l-Qorti ma laqtax tali talba l-prassi dejjem segwita hi li titlob lill-Qorti biex tivverbalizza t- talba tieghek u il-Qorti tiehu provvediment in materja. Minn dan kollu ma hemm xejn.*

***Illi hu car li hemm zball fid-data ta' meta graw il-fatti kif intqal fuq.** Ghall-korrettezza ghandu jinghad li kemm il-prosekuzzjoni f'darbtejn, kif ukoll l-Avukat Generali matul il-kors kollu tal-kawza flew kemm il-darba l-inkartament. Din il-Qorti ssibha ferm stramba kif hadd ma nduna bi zball ta' tali proporzjoni.*

*Illi l-Avukat Generali hu tal-fehma li l-ewwel Qorti zbaljat meta helset lill-appellati mill-osservanza tal-gudizzju a bazi ta' zball ta' data meta gew kommessi l-allegat reati. Fil-korp tar-rikors tieghu ghamel referenza ghall-zewg sentenzi li javallaw it-tezi tieghu. Min-naha tal-appellati l-abbli difensuri ndikaw lill-Qorti gurisprudenza aktar recenti ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, li jimmilataw favur l-argumenti taghhom li kien hemm l-opportunita' biex dan l-izball jigi sanat izda la l-prosekuzzjoni u lanqas l-Avukat Generali ma talbu sanatorja ghalhekk l-ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha. Hawnhekk, ghandha ssir referenza ghall-zewg appelli decizi t-tnejn fid-19 ta' Ottubru, 2011 fl-ismijjet* ***Il-Pulizija v. Warren Piscopo*** *u* ***Il-Pulizija v. Ruth Theuma*** *(it-tnejn per Imhallef David Scicluna). F'dawn iz-zewg sentenzi l-meritu kien il-hin u l-Qorti laqghet it-talba li kien hemm hinijiet differenti minn meta allegatament sar ir-reat ghal meta fil-fatt realment sar l-allegat reat.*

***Illi f'dan il-kawza, hawnhekk qed nitkellmu dwar avarija ta' ghaxar tijiem u f'dan il-process kien hemm wisq opportunitajiet biex jigi senat tali zball.***

***Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-ewwel Qorti li lahqet tali decizjoni anki fuq l-iskorta tas-sentenzi hawn fuq indikati.'***

Illi huwa fundamentali li z-zmien meta sar ir-reat jaqbel maz-zmien indikat fic-citazzjoni. In effetti r-reat irid jikkombacja mad-data inkriminata. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicole Anne Testa** li giet deciza fil-31 ta' Mejju 2017 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fejn din tal-ahhar rriteniet is-segwenti:

*"Is-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 360 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw…..". L-istess Qorti imbaghad taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***Pulizija vs John Mary Briffa*** *fejn kien hemm zball fil-hin ta' meta sehh l-incident fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet li: "L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat f'limputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi f'l-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara. Ilprosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien zball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-prosekuzzjoni kellha tiehu hsieb taghmel jew titlob il-korrezzjoni opportuna tempestivament." Il-Qorti fil-kawza kontra Nicole Anne Testa kompliet billi ddecidiet hekk: "il-Qorti qatt ma tista issib htija dwar il-kummissjoni ta' xi reat li ikun sehh fi zmien iehor u mhux dak indikat fl-akkuza, cirkostanza li hija tant materjali u sostanzjali fil-kaz imressaq 'il quddiem mill-Prosekuzzjoni. Dan ghaliex l-artikolu 360 stess ifisser kif ghandha tigi redatta ic-citazzjoni u liema huma dawk l-indikazzjonijiet mehtiega sabiex il-persuna imharrka tkun tista thejji id-difiza taghha tajjeb u dan bil-fatti kif indikati lillha f'dik ic-citazzjoni. Issa jekk dawk il-fatti ikunu gew indikati hazin, allura il-binarji ta' l-azzjoni ma ikunux gew definiti jew ikunu gew definiti hazin. … Illi il-Qorti ftit ghandha x'izzid meta rinfaccjata b'dan id-difett procedurali billi l-akkuzi kollha jirreferu ghal data ohra u mhux dik meta sehh dan is-sinistru stradali biex b'hekk l-appellanti qatt ma tista' tigi misjuba hatja li wettqet ir-reati addebitati fil-gurnata indikata fic-citazzjoni, u cioe' dik tal-05*

*ta' Mejju 2015, billi kellu jirrizulta mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni illi dawk ir-reati sehhew f'jum iehor."*

*Illi fil-kaz odjern il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni qatt ma talbet korrezzjoni tad-data inkriminata u in oltre l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova biex turi li l-firma li giet iffalsifikata saret fid-disgha (9) ta' Jannar elfejn u tnax (2012) jew gimgha qabel tali data u mhux fit-tletin (30) ta' Novembru elfejn u disgha (2009).*

*Ghaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab hati tal-ewwel (1) akkuza."*

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal sentenza ta' din il-Qorti hekk kif ippreseduta fl-ismijiet **The Police vs. Harish Daswani**[39] fejn gie ritenut is-segwenti:

*"The charge sheet has in instances been considered as a notice for the accused to appear in Court, the prosecution however chose to limit the charge to a particular date as well as the preceding months and therefore excluded the preceding years. From the acts it appears clearly that all preparations made by the accused for the complainant to come to Malta took place before the period indicated in the charge sheet. Even though the complainant continued residing with the accused, his wife and the father of the accused throughout the period mentioned in the charge sheet and a payment via Western Union also appears to have taken place to Home Maid Agency PTE Ltd on 11th of June 2013 according to a document filed at fol 661 and therefore while the complainant was already in Malta and her residence permit per fol 341 was valid till the 2nd of May 2014 and was issued on the 4th of September 2013 and the employment permit*

[39] Deciza nhar l-1 ta' Settembru, 2020

*was also renewed in 2014 during the period mentioned in the charge sheet, the behaviour facilitating the entry and residence took place before the complainant arrived in Malta and therefore not in the period mentioned in the charge sheet.*

*For these reasons, the Court is upholding the First ground of appeal and declaring that the Court could not have found guilt of the first charge in view that not all the elements of the offence took place in the period mentioned in the charge sheet. The Court is therefore abstaining from taking cognisance of the second grievance regarding article 248A of the Criminal Code as well as parts of the third grievance through which regard the charge of human trafficking, apart from that which has been considered by this Court regarding the admissibiity of the statement released by the accused and also parts which are also linked to the offence under article 251B of the Criminal Code."*

Illi ghalkemm l-iskop tac-citazzjoni huwa dak ta' avviz sabiex l-imputat jidher quddiem il-Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma li gialadarba l-Prosekuzzjoni ghazlet li takkuza lill-appellant b'data u jiem partikolari, kellha tiprova 'l hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-allegat spoll sar nhar id-19 t' April, 2020 jew fil-jiem ta'qabel. Illi f'dan il-punt issir referenza wkoll ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il**-Pulizija vs Carmel Polidano** moghtija fis-26 ta' Ottubru 20161 fejn gie ritenut is-segwenti:

***"Jigi stabbilit illi l-kliem 'fil-granet ta' qabel' certament jirrestringi l-perjodu ghal mhux aktar minn gimgha."***

Ghaldaqstant ic-citazzjoni zgur ma tkoprix il-perjodu tas-Sajf 2019, iz-zmien meta Anthony Ebejer qal li nduna bl-att spolljattiv, kwazi sena qabel iz-zmien indikat fl-istess citazzjoni.

In oltre, Francis Borg fuq il-pedana tax-xhieda afferma illi sad-19 t' April kien ghad kellhom access mix-xatba mertu ta' dawn il-proceduri. Charles Azzopardi sostna meta xehed quddiem il-Perit Schembri illi l-ispoll sar nhar l-20 t'April u mhux qabel, meta hu flimkien ma huh raw lill-appellant ibiddel il-katnazz. Ghaldaqstant, tajjeb li jigi enfasizzat illi Charles Azzopardi mhux sempliciment qieghed jghid li hu u huh Michael indunaw li ma kellhomx iktar access fl-20 t' April, 2020 izda qieghed izid li huma stess raw lill-appellant jaghmel l-att ta' spoll meta dan tal-ahhar biddel il-katnazz tax-xatba. Ghaldaqstant, din il-Qorti temmen illi l-prosekuzzjoni ma rnexxilix minghajr dubbju dettat mir-raguni tapprova illi l-allegat att spolljattiv sar nhar id-19 t' April, 2020 jew fil-granet ta' qabel.

Stabbiliti dawn il-principji dottrinali u applikati ghall-kaz in ezami huwa car allura illi l-appellanti kellu jigi illiberat mill-akkuza kif dedotta kontra tieghu billi din tirreferi ghal perijodu ta' zmien differenti minn dak li fih sehh l-allegati fatti li wasslu ghall-imputazzjoni odjerna.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qedgha tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant u ghalhekk qedgha thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti u konsegwentament tillibera lil Jesmond Seguna minn kull htija u piena.

Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef